MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2008

Numru. 648/2001

PULIZIJA
SPETTUR SILVIO VALLETTA
VS
RAYMOND SPITERI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Raymond Spiteri ta’ 40 sena iben Charles u Josephine xebba Mallia, mwieled Marsa nhar is-27 ta’ Settembru 1961, residenti No.1 Muscat Azzopardi Street, Hamrun u detentur ta’ karta ta’ l-Identita’ bin-numru 646461(M)

Illi huwa akkuzat talli fil-perijodu ta’ 2 ta’ Awissu 1995 u 06 ta’ Lulju 1998, ukoll wara nzul ix-xemx b’diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u gew maghmulin b’rizoluzzjoni wahda, b’mezzi qarrieqa li bihom seta kellu l-uzu jew il-konsum illeggittimu tal-kurrent elettriku tal-kwantita’ mehuda jew ikkunsmata, kkommetta serq ta’ dawl tal-

elettriku fl-ammont ta’ Lm 146.71.00, mill-fond, No.1 Muscat Azzopardi Street, Hamrun, liema serq hu kwalifikat bil-mezz, hin u valur, bhala detentur tal-fond jew persuna li ghandha dan il-fond instabu dawn il-mezzi qarrieqa ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta.

Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess data hin lok u cirkostanzi, ghamel hsara fil-gummi jew makkinarji tal-elettriku jew ikkaguna hsara jew telf ta’ kurrent tal-elettriku, jew is-sigilli tieghu jew xi parti minn xi apparat jew gummi uzati fil-provista ta’ l-elettriku.

Rat id-dokumenti ezibiti, l-atti kollha tal-kas;

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat jinstab akkuzat b’serq ta’ luce elettrika mill-perijodu tat-2 ta’ Awissu 1995 sas-6 ta’ Lulju 1998 u l-kaz gie pprezentat fid-29 ta’ Ottubru tat-2001. Minn dakinhar, sas-seduta tal-19 ta’ Gunju ta’ 2008, l-imputat qatt ma gie notifikat u kien biss ghas-seduta 24 ta’ Settembru 2008, illi l-imputat kien notifikat u infatti deher il-Qorti.

Illi ghaldaqstant l-akkuzi dedotti kontra l-imputat huma manifestament preskritti skond il-Ligi u ghal tali raguni l-Qorti tillibera lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------